

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr, en)

9738/22

ECOFIN 538  
UEM 141  
SOC 328  
EMPL 214  
COMPET 429  
ENV 527  
EDUC 204  
RECH 322  
ENER 241  
JAI 793  
GENDER 78  
ANTIDISCRIM 58  
JEUN 88  
SAN 332

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9401/22 - COM(2022) 603 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Bulgarija tal-2022 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija tal-2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 620 final.

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tal-Bulgarija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jipprovdi sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment, li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Din tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari biex għall-promozzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u għat-tul. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tiġi aġġornata f'Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan ikkunsidra kif dovut l-Impenn Soċjali ta' Porto iffirmit fis-7 ta' Mejju 2021 biex ikompli jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kienet meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-14 ta' Marzu 2022.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b' mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass, fost l-oħrajn, permezz ta' prezzijiet ogħla tal-enerġija, l-ikel u l-materja prima, u prospetti ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet ogħla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż kbir fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq l-aktar kumpanniji vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-Unjoni qed tesperjenza wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE<sup>4</sup> ġiet attivata għall-ewwel darba permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382<sup>5</sup>, li tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-Unjoni, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali. Appoġġ eċċezzjonali huwa disponibbli għall-Bulgarija permezz tal-inizjattiva Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (Cohesion's Action for Refugees in Europe, CARE) u permezz ta' prefinanzjament addizzjonali bil-programm Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u t-Territorji tal-Ewropa (Recovery Assistance for Cohesion and the Territories of Europe, REACT-EU) biex jiġu indirizzati b' mod urġenti l-ħtiġijiet ta' akkoljenza u integrazzjoni għal dawk li qed jaħarbu mill-Ukrajna.

---

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

- (4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-2022, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati hija essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa fiċ-ċikli tas-Semestru Ewropew tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż oħra maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni ta' tali pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati u modifikati.
- (5) Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", il-Kummissjoni spjegat il-fehma tagħha li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-Unjoni jew fiż-Żona tal-Euro meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmem l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Inċertezza akbar u riskji negattivi qawwiya għall-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u disturbi kontinwi fil-katina tal-provvista jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2023.

- (6) Skont l-approċ fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021<sup>6</sup> li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2021 tal-Bulgarija, il-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) iżda inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju<sup>7</sup>. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment<sup>8</sup> (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investment.

---

<sup>6</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2021 tal-Bulgarija (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 6).

<sup>7</sup> L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-Rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

<sup>8</sup> Mhux iffinanzjati minn għotjiet fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali fl-2023 ("il-gwida fiskali") li għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħa il-koordinazzjoni ta' politika. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-prospettiva makroekonomika tat-tbassir tax-xitwa 2022, it-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata ta' appoġġ fl-2020-2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali, filwaqt li tinsab lesta li tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolve, tidher xierqa fl-2023. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 għandhom ikomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali possibbli bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jirriflettu l-linji ta' gwida fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tagħha tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-aħħar ta' Mejju 2022.
- (8) Fir-rigward tal-gwida fiskali, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 iqisu l-perspettiva ekonomika li marret għall-aġar, l-inċertezza akbar u aktar riskji negattivi, u l-inflazzjoni oġġla meta mqabbla mat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rispons fiskali għandu jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u jsostni l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-pressjonijiet inflazzjonarji mill-effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji. Il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, inkluż l-isfidi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rigward tad-difiża u s-sigurtà, u għandha tiddistingwi bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

- (9) Fil-15 ta' Ottubru 2021, il-Bulgarija ppreżentat il-pjan tagħha nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stipulati fl-Anness V ta' dak ir-Regolament. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija<sup>9</sup>. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li ssostni li l-Bulgarija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura.
- (10) Fid-29 ta' April 2022, il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2022 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-2022, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien.
- (11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għall-Bulgarija fit-23 ta' Mejju 2022. Dan ivvaluta l-progress tal-Bulgarija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, l-2020 u l-2021, u qies il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, li jibni fuq it-tabella ta' valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Bulgarija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

---

<sup>9</sup> ST 8091/2022; ST 8091/2022 ADD 1.

- (12) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport jiddiskuti l-qagħda baġitarja tal-Bulgarija, billi fl-2021 id-defiċit tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa tal-2022 u ser tivvaluta mill-ġdid jekk ikunx meħtieġ li jiġi propost li jinfetħu tali proċeduri fil-ħarifa tal-2022.
- (13) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju 2020<sup>10</sup>, il-Kunsill irrakkomanda lill-Bulgarija biex fl-2020 u fl-2021 tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Irrakkomanda lill-Bulgarija wkoll biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali li jkollhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u li jiggarrantixxu s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jsaħħu l-investiment. Fl-2021, skont data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Bulgarija żied minn 4,0 % tal-PDG fl-2020 għal 4,1 %. Ir-rispons tal-politika fiskali mill-Bulgarija appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, filwaqt li l-miżuri temporanji ta' emerġenza żdiedu minn 2,9 % tal-PDG fl-2020 għal 4,3 % fl-2021. Il-miżuri li ħadet il-Bulgarija fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonarji adottati mill-gvern fl-2020 u l-2021 kienu fil-biċċa l-kbira temporanji jew ibbilanċjati minn miżuri ta' tpaċija. Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż żdied minn 24,7 % tal-PDG fl-2020 għal 25,1 % tal-PDG fl-2021.

---

<sup>10</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2020 tal-Bulgarija (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 8).

(14) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-proġettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza tal-2022 huwa favorabbli fl-2022 u realistiku minn hemm 'il quddiem. Il-Gvern jipproġetta li l-PDG reali jikber b'2,6 % fl-2022 u bi 2,8 % fl-2023. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 2,1 % fl-2022 u tkabbir tal-PDG reali oġhla ta' 3,1 % fl-2023, prinċipalment minħabba proġettazzjonijiet differenti ta' tkabbir fl-impjiegi u l-investment. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2022, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit nominali jizjed għal 5,3 % tal-PDG fl-2022 u jonqos għal 2,9 % fl-2023. Iż-żieda fid-defiċit fl-2022, li hija mtaffija bit-tneħħija gradwali ta' xi miżuri ta' emerġenza tal-COVID, tirrifletti prinċipalment żieda qawwija fil-konsum intermedju, fl-appoġġ għan-negozju u fil-miżuri tal-enerġija, kif ukoll fl-emendi tas-sistema tal-pensjonijiet. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jizjed għal 25,5 % fl-2022 u għal 27,7 % fl-2023. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern għall-2022 u l-2023 ta' 3,7 % tal-PDG u 2,4 % rispettivament. Dan huwa konsiderevolment aktar baxx mid-defiċit tal-2022 ipproġettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2022, prinċipalment minħabba proġettazzjonijiet makroekonomiċi differenti, tkabbir aktar baxx fil-konsum intermedju, u dħul oġhla mit-taxxi oġhla fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet fl-2022. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG aktar baxx, ta' 25,3 % fl-2022 u ta' 25,6 % fl-2023. Id-differenza hija minħabba d-defiċits aktar baxxi f'dawn is-sentejn u tkabbir ekonomiku oġhla pproġettat fl-2023. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju (medja ta' 10 snin) fil-prodott hija stmata fil-livell ta' 1,8 %. Madankollu, dik l-istima ma tinkludix l-impatt tar-riformi li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali tal-Bulgarija.

(15) Fl-2022, il-gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'tali mod li l-miżuri temporanji ta' emerġenza huma pproġettati li jonqsu minn 4,3 % tal-PDG fl-2021 għal 1,8 % fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati biex jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni huma stmati għal 0,9 % tal-PDG fl-2022 u 0,0 % tal-PDG fl-2023.<sup>11</sup> Dawk il-miżuri jikkonsistu prinċipalment fi programmi ta' appoġġ għall-utilitajiet pubbliċi, l-utenti finali industrijali tal-elettriku u l-konsumaturi domestiċi tal-gass. Dawk il-miżuri tħabbu bħala, fil-biċċa l-kbira, temporanji. Madankollu, f'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin fl-2023, xi wħud minn dawk il-miżuri jistgħu jittkomplew. Xi wħud minn dawk il-miżuri mhumiex immirati, b'mod partikolari l-moratorju fuq il-prezzijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispiża biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni hija pproġettata li tkun 0,1 % tal-PDG fl-2022 u 0,2 % tal-PDG fl-2023<sup>12</sup>.

---

<sup>11</sup> Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa tal-2021, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

<sup>12</sup> Huwa preżunt li l-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-Unjoni ser jilħaq gradwalment is-6 miljun sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata fuq il-bażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċevanti, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-Unjoni f'Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu kemm it-trasferimenti ta' flus kontanti li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

- (16) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Bulgarija ssegwi pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lill-Bulgarija biex iżżomm f'kontroll it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Irrakkomanda wkoll lill-Bulgarija biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju u, fl-istess ħin, biex ittejjeb l-investment biex tagħti spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.

(17) Fl-2022, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tal-Bulgarija, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata li tkun ta' appoġġ fil-livell ta' -3,4 % tal-PDG kif irrakkomandat mill-Kunsill<sup>13</sup>. Il-Bulgarija qed tippjana li ttiprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investment addizzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tiżdied b'1,1 punti perċentwali tal-PDG, imqabbel mal-2021. L-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 1,1 punti perċentwali tal-PDG fl-2022<sup>14</sup>. Għalhekk, il-Bulgarija tippjana li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata min-nazzjon (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1,4 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jindirizzaw l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,2 punt perċentwali tal-PDG) kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 punt perċentwali tal-PDG) filwaqt li, l-emendi għas-sistema tal-pensjonijiet (0,6 % tal-PDG) u ż-żidiet fil-pagi (0,3 % tal-PDG) huma wkoll ipproġettati li jikkontribwixxu għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti netta. Għalhekk, abbażi tal-istimi attwali tal-Kummissjoni, il-Bulgarija ma żżommx biżżejjed f'kontroll it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2022.

---

<sup>13</sup> Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

<sup>14</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li ttiprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,1 punti perċentwali tal-PDG.

- (18) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni li tkun fil-livell ta' -1,3 % tal-PDG fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika<sup>15</sup>. Il-Bulgarija hija pproġettata li tkompli tuża l-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex tiffinanzja investment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tiżdied b'0,7 punti perċentwali tal-PDG, imqabbel mal-2022. L-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,2 punt perċentwali fl-2023<sup>16</sup>. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata min-nazzjon (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,5 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,9 % tal-PDG), filwaqt li ż-żieda fit-trasferimenti soċjali u ż-żidiet fil-pagi huma pproġettati li jikkontribwixxu għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti netta.
- (19) Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2022, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 2,8 % fl-2024 u għal 2,4 % fl-2025. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jibqa' taħt it-3 % tal-PDG fl-orizzont tal-Programm. Dawk il-proġettazzjonijiet jassumu żidiet fid-dħul mit-taxxi diretti u mill-kontribuzzjonijiet soċjali bis-saħħa ta' introjtu oġhla tal-unitajiet domestiċi u trasferimenti kapitali oġhla bis-saħħa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jiżdied sal-2025, b'mod speċifiku b'żieda sa 29,1 % fl-2024 u li jkompli jiżdied għal 30,4 % fl-2025. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jidher li hemm riskju medju fuq perjodu medju ta' żmien fejn tidħol is-sostenibbiltà tad-dejn.

---

<sup>15</sup> Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

<sup>16</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,0 punti perċentwali tal-PDG.

(20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati bi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni li għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Dawn jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Bulgarija mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod partikolari, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam soċjali b'miżuri biex tittejjeb l-inklużjoni soċjali, li huma mistennija jtejbju l-adeqwatezza u l-kopertura tal-iskema ta' introjtu minimu, u b'miżuri biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni tal-impjiegi u s-servizzi soċjali. Miżuri oħra li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jiffukaw fuq il-kisba tal-ħiliet, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali, fuq it-titjib tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-tagħlim tul il-ħajja u fuq it-twessigħ tal-offerta tas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar il-Bulgarija. Dawk il-miżuri jistgħu jgħinu biex jinkisbu l-oġettivi u jsir aktar progress fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-pjan ta' azzjoni tiegħu sal-2030. Barra minn hekk, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż billi javvanza d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, iżid l-effiċjenza fl-enerġija ġenerali u jimplementa miżuri dwar it-trasport sostenibbli u l-infrastruttura u s-servizzi diġitali. Barra minn hekk, il-pjan fih miżuri estensivi biex tittejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u s-sistema ġudizzjarja, tiġi evitata, identifikata u korretta l-korruzzjoni, jittejjeb l-ambjent tan-negozju, jitrawwem l-investment, u tittejjeb is-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan għandu jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tal-Bulgarija fl-indirizzar tat-tħassib u l-osservazzjonijiet skont il-Mekkaniżmu tal-Istat tad-Dritt.

- (21) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija hija mistennija li tikkontribwixxi biex isir aktar progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi fil-Bulgarija jammontaw għal 58,9 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal 25,8 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti, ser tgħin lill-Bulgarija tirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha. Fl-istess waqt, aktar sforzi biex isir użu sħiħ mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u biex jiġu pprovduti impjiegi integrati u appoġġ soċjali ser jgħinu biex jittaffa l-impatt tat-tibdil demografiku pproġettat u tiġi appoġġata tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti. L-involvement sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (22) Il-Bulgarija ppreżentat il-Ftehim ta' Sħubija previst fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup> fil-11 ta' Mejju 2022, filwaqt li għadhom ma ġewx ippreżentati l-programmi l-oħra tal-politika ta' koeżjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, il-Bulgarija għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawk il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.
- (23) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni, stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-proposta tal-Kummissjoni għal pjan REPowerEU għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tidentifika l-aktar proġetti, investimenti u riformi xierqa fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni fi djalogu mal-Istati Membri. Fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija u f'konformità mal-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2022, il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilixxew Pjattaforma tal-UE għall-Enerġija għax-xiri komuni volontarju ta' gass, LNG u idroġenu. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jmexxu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili 'l bogħod mir-Russja.

---

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

(24) Il-Bulgarija għandha l-aktar ekonomija intensiva fil-karbonju fl-Unjoni, b'intensità tal-gassijiet serra aktar minn erba' darbiet ogħla mill-medja tal-Unjoni. Is-sehem attwali tal-fjuwils fossili fit-taħlita tal-enerġija tal-Bulgarija huwa ta' 61,5 %, bl-enerġija nukleari tirrappreżenta sehem ta' 24 % u l-enerġija rinnovabbli 14,5 % (inqas mill-medja tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni ta' 19 %). Il-pajjiż jiddependi ħafna fuq ir-Russja għall-gass naturali sa April 2022<sup>18</sup>. Fl-2020, 75 % tal-gass naturali ġie importat mir-Russja, ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' 43,2 %. Madankollu, is-sehem tiegħu fit-taħlita tal-enerġija kien biss ta' 13,9 %, inqas mill-medja tal-Unjoni ta' 24,4 %. L-industrija tibqa' l-akbar konsumatur tal-gass, b'sehem ta' 40 %, inkluż użi mhux għall-enerġija, filwaqt li s-sehem tas-settur tal-enerġija naqas mill-2010, minn 30 % għal 25 % fl-2019. It-tiżnin distrettwali jiddependi fuq il-gass naturali bi ftit marġni għal titjib peress li s-sistemi ta' tiżnin distrettwali ma jistgħux jiġu sostitwiti b'sorsi alternattivi. Filwaqt li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jesplora l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali għat-tiżnin, jista' jiġi previst investiment addizzjonali biex jappoġġa l-installazzjoni ta' pompi tas-sħana fuq skala kbira. Il-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-faħam hija koperta bis-siġħ mill-produzzjoni domestika tal-linjite, u l-Bulgarija timporta kwantitajiet limitati ta' faħam mir-Russja għall-użu industrijali (0,56 miljun tunnellata, li jirrappreżentaw 85 % tal-importazzjonijiet totali tal-faħam). Min-naħa l-oħra, il-Bulgarija tiddependi fuq ir-Russja għaż-żejt mhux raffinat (63 % taż-żejt mhux raffinat tagħha ġej mir-Russja<sup>19</sup>, ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' 26 %) u timporta 22 % tal-prodotti taż-żejt raffinat tagħha mir-Russja, inqas mill-medja tal-Unjoni ta' 35 %. B'mod ġenerali, is-sehem taż-żejt fit-taħlita tal-enerġija kien ta' 23,9 % fl-2020, inqas mill-medja tal-Unjoni ta' 32,7 %. Il-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi l-adozzjoni ta' Pjan Direzzjonali għan-newtralità klimatika. Dan jinkludi passi għat-tlestija tal-eliminazzjoni gradwali tal-faħam u l-linjite sa mhux aktar tard mill-2038 u investimenti u riformi sinifikanti biex jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, filwaqt li ser ikunu meħtieġa aktar sforzi biex jinkisbu l-oġettivi tat-tranżizzjoni klimatika u tal-enerġija.

<sup>18</sup> Minn April 2022, wara s-sospensjoni unilaterali tal-provvista tal-gass minn Gazprom, il-Bulgarija ma għadhiex tirċievi provvisti tal-gass mir-Russja.

<sup>19</sup> Id-data tal-Eurostat għall-2019 hija referenzjata għad-data dwar l-importazzjoni tal-Bulgarija. Id-data dwar l-importazzjoni tal-2020 mhijiex informattiva, peress li kwalitajiet kbar ta' importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinati kienu ġew ikkategorizzati minn sħab kummerċjali "mhux speċifikati". Il-medja tal-UE tirreferi għas-sehem tal-importazzjonijiet mir-Russja fit-total tal-importazzjonijiet lil hinn mill-EU27, għaż-żejt mhux raffinat u għall-prodotti taż-żejt raffinat rispettivament.

Dwar l-enerġija rinnovabbli, il-Bulgarija impenjat ruħha li żżid mill-inqas 3 500 MW ta' kapaċità ġdida minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (mir-riħ u mix-xemx) u li toħloq il-kundizzjonijiet tekniċi biex tintegra 4 500 MW addizzjonali fis-sistema tal-elettriku sal-2026. Barra minn hekk, il-pjan jinkludi riforma biex jitneħħew l-impedimenti ewlenin għall-iżvilupp ta' teknoloġiji u ktajjen tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli, kif ukoll investimenti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti pilota għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u l-bijogass sostenibbli. Huma previsti wkoll miżuri biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi jinstallaw sistemi tat-tiħin tal-ilma solari u fotovoltajċi solari. Il-pjan ser jiddefinixxi wkoll il-faqar enerġetiku. Għandu jiġi nnotat li sabiex il-Bulgarija tkun konformi mal-oġġettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa żieda ulterjuri fl-ambizzjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żieda fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

- (25) Fl-istess waqt, il-pjan Bulgaru għall-irkupru u r-reżiljenza jipprevedi aktar minn EUR 1 biljun ta' investimenti f'miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija maħsuba għall-istokk tal-bini pubbliku u privat. Dan huwa msaħħaħ minn riformi biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv marbut mar-rinnovazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-Bulgarija jkollha l-għan li tkompli tnaqqas il-konsum tal-enerġija u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili biex tilħaq il-miri tagħha f'konformità mal-istrateġija fit-tul tagħha għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini. Il-fond nazzjonali għad-dekarbonizzazzjoni li għandu jiġi stabbilit fl-2023 jista' jappoġġa dik il-miżura. B'mod parallel, il-Bulgarija teħtieġ li tiżgura interkonnnessjonijiet tal-enerġija b'kapaċità suffiċjenti inkluż ma' pajjiżi ġirien. Billi tlesti l-investimenti li għaddejjin, il-Bulgarija tista' tikkapitalizza fuq il-vantaġġi tas-suq uniku, tiżgura s-sigurtà tal-provvista u taċċellera d-diversifikazzjoni tar-rotot tal-gass. Huwa rrakkomandat li l-infrastruttura ġdida relatata mal-gass tibqa' valida għall-futur fejn possibbli, sabiex tiġi ffaċilitata s-sostenibbiltà fit-tul permezz ta' adattament futur għal fjuwils sostenibbli.

- (26) Filwaqt li l-aċċellerazzjoni lejn in-newtralità klimatika u lil hinn mill-fjuwils fossili ser toħloq spejjeż sinifikanti ta' ristrutturar f'diversi setturi, il-Bulgarija tista' tagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fir-reġjuni l-aktar milquta. Barra minn hekk, il-Bulgarija tista' tagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>, biex ittejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali.
- (27) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2022 u l-opinjoni tiegħu<sup>21</sup> hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1).
- (28) Fl-10 ta' Lulju 2020, il-lew Bulgaru ġie inkluż fil-mekkaniżmu Ewropew tar-rati tal-kambju II (ERM II) bħala pass preparatorju lejn l-adozzjoni tal-euro. Sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja u jinkiseb livell għoli ta' konverġenza ekonomika sostenibbli, l-awtoritajiet Bulgari impenjaw ruħhom li jimplimentaw miżuri politiċi speċifiċi dwar l-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-settur finanzjarju mhux bankarju u t-tisħiħ tal-governanza tal-intrapriżi tal-Istat, kif ukoll l-oqfsa tal-insolvenza u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Il-progress tal-Bulgarija fit-tweqqif tar-rekwiżiti meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro ser jiġi vvalutat fir-rapporti ta' konverġenza tal-2022 tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

<sup>21</sup> Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2022 u fl-2023 il-Bulgarija tieġu azzjoni biex:

1. Fl-2023, jiġi żgurat li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment ikun konformi ma' pożizzjoni politika ġeneralment newtrali, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat li jibqa' jingħata lill-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi tqis l-inizjattiva RePowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju.
2. Tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022. Tippreżenta d-dokumenti ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027 bil-ħsieb li jiġu ffinalizzati n-negożjati mal-Kummissjoni u sussegwentement tinbeda l-implimentazzjoni tagħhom.
3. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili billi taċċellera l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u tiddiversifika s-sorsi u r-rotot tal-provvista tal-gass billi jżidu l-interkonnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien. Iżżid l-isforzi biex tnaqqas id-domanda għall-enerġija billi żżid l-effiċjenza fl-enerġija fl-industrija u fl-istokk tal-bini privat u pubbliku. Tippetromwovi soluzzjonijiet sostenibbli ġodda fit-tiżhin distrettwali ċentralizzati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*